MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru 773/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**vs**

**JASON SCERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jason Scerri ta' 34 sena, iben Joseph u Jane nee' Farrugia, imwieled fil-5 ta' Marzu, 1974 fil-Pieta', detentur ta' karta tal-identita' Maltija bin-numru 167774M, u residenti fil-fond Marika Flats, Flat 1, Triq Garcia Toledo, San Pawl il-Bahar.

Billi gie akkuzat talli:

1. Fl-20 t’Awwissu 2008 u fil-jiem ta’ qabel, f’hinjiet differenti f’dawn il-Gzejjer xjentament xtara u/jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew, jew xjentament, b’kull mod iehor li jkun iddahhal f’dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, u bil-lok u dan bi ksur t’artikolu 334 ta’ Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli sar recidiv ai termini t’Artikoli 49 u 50 ta’ Kap. 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija minn Magistrati differenti li huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur Michael Mallia ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li nkwantu ghall-ewwel

akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, din ir-ricettazzjoni tirrizulta minn serq u inoltre iddikjara li l-valur tal-oggetti li jirrigwardaw din l-ewwel akkuza hu taht Ewro 2329.37. L-istess Spettur Michael Mallia ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-oggetti li jirrigwardaw din l-ewwel akkuza gew ritornati lil sidhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 334(a), 31, 279(a), 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jason Scerri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-Ispettur Michael Mallia ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li l-oggetti li jirrigwardaw l-ewwel akkuza gew ritornati lil sidhom tikkundanna lill-imputat Jason Scerri ghall-piena komplessiva ta' seba' (7) xhur prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Jason Scerri sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' disa' mija u tmien Euro u wiehed u sebghin centezmi ta' Euro (Euro 908.71) rappresentanti spejjes inkorsi li jirrigwardaw din il-kawza bil-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------